**24 ta' Marzu, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Neg. Albert Victor Bartoli pr. et. ne.

*versus*

Edwin Zammit Tabona et.

**Interess.**

*Presuppost speċifiku tal-azzjoni ġudizzjarja huwa l-interess ġuridiku, il-fatt, ċjoè, kwantu għall-attur, illi mingħajr intervent tal-organi ġurisdizzjonali, huwa jsofri dannu nġust. Dan l-interess irid ikun jeżisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu huwa għandu attwalment bżonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawża huwa jirritraji utilità rikonoxxuta mill-liġi.*

*Il-miżura tal-istess interess hija determinata u ċirkoskritta mit-termini taċ-ċitazzjoni, mill-obbjett tad-domanda ("petitum"), u mill-motivi ndikati fiċ-ċitazzjoni ("causa petendi").*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Ewwel Istanza rriteniet illi l-attur ma kellux interess jippromwovi l-kawża, li kellha bħala oġġett tagħha d-dikjarazzjoni tan-nullità ta' legat imħalli mit-testatriċi taħt ċerti kondizzjonijiet; iżda l-Qorti tal-Appell irriteniet il-kuntrarju, u għalhekk irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, u premess li Helen armla Zammit Tabona, bl-aħħar testment tagħha (dok. A), fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tad-9 ta' Ottubru 1952, waqt li kienet armla, u wara li kienet għamlet testmenti oħrajn, fosthom wieħed "unica charta" ma' żewġha Joseph Zammit Tabona fl-atti Edwin Pantalleresco tat-18 ta' Ġunju 1935, iddisponiet billi ordnat

li wliedha Agnes u Doris ikollhom id-dritt ta' abitazzjoni tal-appartament 28 Pietro Floriani Street, Floriana, u obligat bħala piż lill-ulied l-attur Albert Victor Bartoli biex jilliberaw dan il-fond mill-istess missierhom u lilhom innfishom, in kwantu soċji fid-ditta "A.V. Bartoli & Sons", lil liema ditta hija stess kienet kriet il-fond; u premess li b'dan il-mod hija ddisponiet mill-intier ta' fond li hu tagħha għal nofs biss mingħajr ma għamlet id-dikjarazzjoni meħtieġa mill-liġi fl-art. 735 tal-Kapitolu 23 tal-Liġijiet ta' Malta taħt piena ta' nullità; u premess illi fiż-17 ta' Frar 1953, meta mietet it-testatriċi, il-kuntratt ta' kiri tal-istess fond kien għadu miexi, u għalhekk l-obligu ta' żgumbrament impost bit-testment fi żmien tliet xhur kien illegali, skond l-art. 16 tal-Ordinanza XXVIII tal-1947; u premess li l-atturi jirritjenu li l-obligu li ulied jagħmlu azzjoni ta' żgumbrament dannus lill-istess missierhom hu gravus, u jista' jirrażenta l-immorali; u premess li l-abitazzjoni hija konċett indiviżibbli li ma jistgħax isehh għan-nofs;

Talab li jiġi dikjarat null u bla effett l-artikolu wieħed tat-testment fuq imsemmi tad-9 ta' Ottubru 1952, li kopja tiegħu hi eżibita, għar-raġuni li t-testatriċi naqset li tagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa fl-art. 735 tal-Kap. 23; għaliex in parti illegali għaliex kontra d-dispost tal-art. 16 tal-Ordinanza XXVIII tal-1947, u għalhekk viżżjat anki għall-kumplament; u anki għaliex l-obligu mpost lill-ulied li jagħmlu dannu lill-missierhom hu immorali; u peress li l-abitazzjoni hija ndiviżibbli, l-istess artikolu tat-testment għandu jitqies bħala null u irritu interament. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1960, li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' karenza ta' nteress da parti tal-attur, u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

B'testment "unica charta" tat-18 ta' Ġunju 1935, magħmul fl-atti tan-Nutar Edwin Pantalleresco, Joseph u Helen miżżewġa Zammit Tabona ħallew lil xulxin l-użufrutt tal-proprjetà tagħhom kollha bil-fakoltà lis-superstiti li

jiddisponi xort'oħra mill-assi tiegħu, u istitwew eredi lill-għaxar uliedhom, fosthom Helen mart l-attur. Fl-artikolu ħamsa, mbgħad, ħallew bi prelegat, biex ikollu effett mill-aktar malajr possibbli wara l-mewt tas-superstiti tal-istess testaturi, lit-tfal tagħhom Ethel, Agnes u Doris, flimkien u bejniethom, l-użufrutt tal-fond numru 4 Piazza Filippo Sciberras, Floriana, bil-kondizzjoni li fiż-żmien tal-mewt tas-superstiti mit-testaturi huma, jew xi waħda minnhom, ma jkunux iżżewġu, u li dan l-użufrutt ikompli sakemm il-prelegatarji jiżżewġu. Fit-30 ta' Diċembru 1942 miet it-testatur Joseph Zammit Tabona. Il-fond fil-preżent jinsab indikat bin-numru 27 Pietro Floriani Street, Floriana;

Jirriżulta (fol. 74-75-88) illi fis-sena 1937 it-testatur Joseph Zammit Tabona biddel il-kostruzzjoni tal-fond in kwistjoni, fis-sens prinċipalment illi, mentri dan oriġinarjament kien jikkonsisti fi tliet kmamar fuq u tlieta isfel, ġie magħmul jikkonsisti f'sitt kmamar fi pjan wieħed, billi mat-tliet kmamar tiegħu ġew inkorporati t-tliet kmamar tal-fond ta' taħtu numru 97A. Market Street, kif indikat fid-dokument BB fol. 60;

Fis-sena 1948 il-fond minħabba li waqa' bil-gwerra, ġie rikostruwit, fuq inkariku tal-armla Helen Zammit Tabone, mill-A.I.Ċ Victor Grech, bl-istess mod li kien qabel waqa' (fol. 39);

B'testment tad-9 ta' Mejju 1943, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt (atti numru 838/43 Sekond'Awla) l-attur u martu Helen xebba Zammit Tabona (bint it-testaturi fuq imsemmija) ħallew lil xulxin użufruttwarji tal-proprjetà tagħhom kollha, u eredi lit-tfal tagħhom. Fiż-17 ta' Novembru 1947 mietet mart l-attur;

Fil-5 ta' Frar 1960 l-armla Helen Zammit Tabona kriet il-fond in kwistjoni lid-ditta "A.V. Bartoli & Sons", li l-attur, flimkien ma' x'uħud mit-tfal tiegħu, għadu jokkupa;

B'testment tad-9 ta' Ottubru 1952, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (dok. a fol. 5), Helen armla Zammit Tabona nnominat bħala eredi universali f'deċima parti tal-assi

universali tagħha lit-tfal kollha ta' bintha l-mejta Helen, mart l-attur, fi kwoti ugwali bejniethom. Hija però assoġġettat din il-kwalità ta' eredi għall-kondizzjoni espressa illi dawn l-eredi jipprokuraw li jilliberaw favur iż-żewġ ulied tat-testatriċi Doris u Agnes aħwa Zammit Tabona l-appartament numru 28 Pietro Floriani Street (il-lum abitat minn x'uħud mill-imsemmija eredi) fi żmien tliet xhur mill-ġurnata tal-mewt tat-testatriċi, sabiex l-imsemmija Doris u Agnes ikunu jistgħu jmorru jabitaw fih; u in mankanza ta' dan, l-istess eredi Bartoli għandhom iħallsu lill-imsemmija Agnes u Doris aħwa Zammit Tabona s-somma ta' £5 fix-xahar pagabbli lilhom fi kwoti ugwali bejniethom mill-ġurnata tal-iskadenza tal-imsemmija tliet xhur sakemm jilliberaw favur l-istess żewġt aħwa Zammit Tabona l-imsemmi appartament. Għall-kumplament, it-testatriċi kkonfermat it-testment "unica charta" li kienet għamlet;

Il-partijiet qablu li l-fond in kwistjoni kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn it-testaturi miżżewġin Zammit Tabona, u li għadu ndiviż;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' karenza ta' nteress da parti tal-attur;

Din l-eċċezzjoni ġiet opposta kontra l-attur tant bħala użufruttwarju tal-assi ta' martu kemm bħala oriġinarjament rappreżentant fil-kawża ta' wliedu minuri (fol. 34);

In kwantu diretta kontra l-attur f'din l-aħħar kwalità ma hemmx lok li l-Qorti tieħu konjizzjoni aktar tal-eċċezzjoni, billi l-attur (fol. 48) ċeda d-domandi in kwantu magħmula minnu f'din il-kwalità, peress li l-minuri ġew maħruġa mill-kawża bħala atturi u msejħa bħala konvenuti debitament rappreżentati, skond digriet tal-ewwel ta' Marzu 1958;

Hekk l-attur qiegħed jidher fil-kawża unikament, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, fil-kwalità ta' użufruttwariu tal-assi tal-mejta martu Helen nee Zammit Tabona; u konsewentement il-kwistjoni preliminari hija jekk l-attur, fil-

vesti premessa, għandux interess ġuridiku bħala bażi għall-azzjoni minnu proposta;

L-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-artikolu wieħed tat-testment tal-armla Zammit Tabona tad-9 ta' Ottubru 1952 jiġi dikjarat null u bla ebda effett ġuridiku, fuq il-motivi (1) illi t-testatriċi hemmhekk iddisponiet mill-intier tal-fond li hu tagħha għan-nofs biss, mingħajr ma għamlet id-dikjarazzjoni meħtieġa bl-art. 735 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li hi kienet taf li l-fond ma jappartjenix kollu lilha (2) illi, peress li meta mietet it-testatriċi l-kuntratt ta' kiri tal-fond lill-istess attur kien għadu jseħħ, l-obligu ta' *żgumbrament impost fit-testment fi* żmien tliet xhur kien illegali għaliex kontra l-art. 16 tal-Ordinanza 28 tal-1947, (3) illi l-obligu mpost lill-ulied li jagħmlu dannu lill-missierhom hu immorali, (4) u illi l-abitazzjoni hija konċett indiviżibbli;

It-tieni u t-tielet motivi jirrigwardaw talvolta lill-attur personalment, u mhux bħala użufruttwarju kif huwa qiegħed issa fil-kawża. Hekk il-kwistjoni dwar l-interess tal-attur hija mpernjata fuq l-ewwel u r-raba' kawżali biss;

F'dan ir-rigward huwa rilevanti:—

1. Illi bl-aħħar testment tagħha t-testatriċi nnominat eredi tagħha lit-tfal ta' bintha, mart l-attur, li fiż-żmien tat-testment kienet diġa' mejta. Il-kondizzjoni illi l-istess eredi jilliberaw favur ulied it-testatriċi msemmija fit-testment il-fond hemm indikat u abitat minn x'uħud minnhom ġiet magħmula sabiex, kif jingħad fit-testment, l-istess uliedha *jkunu jistgħu jmorru* jabitaw fih; u l-kondizzjoni alternattiva tal-ħlas tal-£5 fix-xahar ġiet imposta lill-istess eredi;

2. Illi t-testaturi Zammit Tabona ħallew l-użufrutt tal-fond in kwistjoni lit-tliet uliedhom imsemmija fit-testment "unica charta", fosthom Agnes u Doris, imsemmija fiċ-ċitazzjoni preżenti;

3. Illi l-prelegat ta' użufrutt hekk kostitwit bit-test-

ment "unica charta" ma ġiex impunjat fl-att taċ-ċitazzjoni. Għalkemm matul il-kawża ġiet dibattuta l-kwistjoni dwar il-kaduċità tal-prelegat in vista tar-rinnovamenti magħmula fil-fond mit-testatur wara t-testment, u tar-rikostruzzjoni tal-fond wara l-gwerra, f'ebda parti taċ-ċitazzjoni ma hemm konsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni. ma hemm ebda talba f'dan ir-rigward;

4. Illi, għalkemm l-attur talab fiċ-ċitazzjoni "li jiġi dikjarat null u bla effett l-artikolu wieħed tat-testment tal-armla Zammit Tabona, huwa, kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 1960, irrestrinġa t-talba għattieni parti ta' dak l-artikolu testamentarju, relattivament ċjoè għall-kondizzjonijiet imposti lill-eredi mit-testatriċi, u mhux in kwantu dak l-artikolu jirrigwarda l-istituzzjoni ta' eredi favur ulied l-attur;

Ikkunsidrat;

Presuppost speċifiku tal-eżerċizzju tal-azzjoni ġudizzjarja — "actio nata" — huwa l-interess ġuridiku; il-fatt ċjoè, kwantu għall-attur, illi mingħajr l-intervent tal-organi ġurisdizzjonali, huwa jsofri dannu nġust. Dan l-interess irid ikun jeżisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu huwa għandu attwalment bżonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti. Irid juri li mill-kawża jirritraji utilità "rikonoxxuta mil-liġi". "L'utilità che dal giudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l'azione" (Dizionario Pratico del Diritto Privato, Scialoja, Interesse in Giudizio). Fil-każ ta' "azione di accertamento", l-interess "è costituito da uno stato di fatto tale che faccia sorgere il bisogno dell' accertamento giudiziario per il pacifico e normale esercizio del diritto. Questo stato di fatto deve essere obiettivamente considerato, ed in ciò deve trovarsi il limite di applicazione dell'istituto, per evitare che esso degeneri da un mezzo di tutela dei diritti in un espediente per dare più sicura consistenza a pretese non suffragate da chiari elementi di prova . . . . o per agevolare il commercio delle utilità derivanti dai diritti subiettivi. Non basterebbe

quindi la considerazione, tutta soggettiva del diritto, dell' utilità che può derivargli da un accertamento giudiziale per raggiungere dei fini dei quali l'accertamento non costituisca un necessario presupposto di diritto, quando nè l'altro soggetto del rapporto contrasti la pretesa dell' attore, nè le circostanze obiettive che accompagnano lo svolgimento del diritto, determinino il bisogno dell'accertamento" (ibid. paġ. 735);

Speċifikat hekk l-interess li għandu jkollu l-attur f'kawża, il-miżura tal-istess interess hija determinata u ċirkoskritta mit-termini taċ-ċitazzjoni, mill-obbjett taddomanda — "petitum", u mill-motivi ndikati fiċ-ċitazzjoni — "causa petendi";

B'dan il-mod, l-attur f'din il-kawża jrid juri li "le circostanze obiettive che accompagnano lo svolgimento del diritto" tiegħu bħala użufruttwarju tal-assi ereditarju ta' martu, fit-termini tal-att taċ-ċitazzjoni, jikkreawlu l-bżonn tal-aċċertament ġudizzjarju minnu mitlub u bil-mod li ġie mitlub;

Darba li mit-termini taċ-ċitazzjoni l-istituzzjoni tal-prelegat ta' użufrutt magħmula mit-testaturi Zammit Tabona mhix impunjata f'din il-kawża, il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-validità jew kaduċità ta' dak il-prelegat, u l-eċċezzjoni in eżami għandha tiġi definita bil-presuppost li dak il-prelegat għadu jissussisti. Il-prelegat ta' użufrutt kostitwit b'dak it-testment "unica charta" jikkostitwixxi, għall-finijiet ta' din il-kawża kif proposta, ċirkustanza obbjettiva fil-konfronti tat-talba tal-attur fil-vesti li biha qiegħed jaġixxi;

Konsegwentement, kieku l-Qorti kellha tilqa' l-assert tal-attur, illi l-armla Zammit Tabona ineffikaċement iddisponiet li wliedha Agnes u Doris ikollhom id-dritt ta' abitazzjoni tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, fuq il-motiv li hija ddisponiet minn ħaġa mhix tagħha ħlief għan-nofs, mingħajr id-dikjarazzjoni meħtieġa mill-liġi, jibqa' dejjem, bħala stat ta' fatt, fil-konfronti tal-attur bħala użufruttwarju tal-assi ta' martu — liema assi jikkomprendi kwota

ndiviża tal-istess fond — l-użufrutt istitwit mill-istess testatriċi u żewġha bit-testment "unica charta", li bħala użufrutt jinkludi favur il-legatarju d-dritt ta' abitazzjoni talfond legat. Il-kondizzjoni tal-iżgumbrament biex il-legatarji jkunu jistgħu jabitaw il-fond ma tolqotx lill-attur bħala użufruttwarju, kif qed jidher fil-kawża, imma talvolta bħala lokatarju tal-istess fond; u l-kondizzjoni alternattiva tal-ħlas mensili lill-legatarji ġiet imposta lill-eredi ulied l-attur;

Fuq l-istess konsiderazzjonijiet, ma hux sostenibbli l-argument tal-attur, avanzat fin-nota tiegħu a fol. 111, illi "din il-kawża tista' tkun intiża bħala l-ewwel pass biex tiġi kombattuta nterpretazzjoni tat-testment ta' qabel". Biex tista' tintalab dikjarazzjoni ġudizzjarja ħalli sservi ta' bażi għal kawża oħra, irid ikun hemm interess ġuridiku bħala bażi tal-istess talba, barra milli t-termini taċ-ċitazzjoni jridu jkunu tali li jwasslu għaliha;

Għalhekk l-azzjoni, fl-assenza ta' ċirkustanzi obbjettivi li jiddeterminaw il-bżonn tal-attur għad-dikjarazzjoni mitluba, hija nieqsa mill-interess ġuridiku;

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li hu għandu nteress fil-kawża u l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif hemm rilevat fis-sentenza appellata, l-attur għamel it-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni għal erbgħa motivi, ċjoè:— 1. Illi t-testatriċi, bid-dispożizzjoni mpunjata, iddisponiet mill-fond li hu tagħha għan-nofs biss, mingħajr ma għamlet id dikjarazzjoni meħtieġa bl-art. 735 tal-Kodiċi Ċivili; 2. illi, peress li meta mietet it-testatriċi l-kuntratt ta' kiri tal-

fond lill-istess attur kien għadu miexi, l-obligu tal-iżgumbrament impost fid-dispożizzjoni mpunjata kien in parti illegali, għaliex *kontra l-art. 16 tal-Ordinanza XXVIII tal-1947*; 3. illi l-obligu mpost lill-ulied li jagħmlu dannu lill-missierhom hu immorali; 4. illi l-abitazzjoni hi konċett indiviżibbli;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti illi t-tieni u t-tielet mill-motivi hawn fuq imsemmija jirrigwardaw lill-attur personalment, u mhux bħala użufruttwarju tal-assi ta' martu kif inhu qiegħed fil-kawża, u li għalhekk il-kwistjoni dwar l-interess tiegħu hi mpernjata fuq l-ewwel u r-raba' motivi biss;

L-Ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni ta' karenza ta' nteress fl-attur għaliex dehrilha illi, ankorkè kellha tilqa' l-assert tiegħu, jibqa' dejjem, bħala stat ta' fatt fil-konfront tiegħu, il-legat ta' użufrutt imħolli mill-istess testatriċi u żewġha anki favur l-istess żewġ uliedha Agnes u Doris tal-istess fond numru 41 Piazza Filippo Sciberras, Floriana, bit-testment tagħhom "unica charta" tat-18 ta' Ġunju 1935, liema użufrutt jinkludi favur il-legatarji d-dritt tal-abitazzjoni tal-fond legat. *"Darba li mit-termini taċ-ċitazzjoni"* — jingħad fis-sentenza appellata — "dak il-prelegat ta' użufrutt mhux impunjat f'din il-kawża, il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-validità jew kaduċità ta' dak il-prelegat, u l-eċċezzjoni ta' karenza ta' nteress fl-attur għandha tiġi deċiża bil-presupost li dak il-prelegat għadu jissussisti";

Bir-rispett kollu din il-Qorti, wara li rriflettiet ħafna, ma tħossx li tista' taqbel ma' dan ir-raġunament. L-ostakolu *kostitwit mit-testment "unica charta" ġie elevat mill-*konvenuti Zammit Tabona, għaliex sostnew illi bid-dispożizzjoni mpunjata t-testatriċi ma għamlet ebda legat ġdid, iżda biss ikkonfermat il-prelegat ta' użufrutt, anki jekk b'xi kondizzjonijiet ġodda dwar l-eżekuzzjoni tiegħu. Dawn il-konvenuti ssottomettew, għal dan il-fini, illi l-fond 28 Pietro Floriani Street Floriana, imsemmi fid-dispożizzjoni mpunjata, hu l-istess identiku fond — għad li issa ndikat b'numru u trieq differenti — oġġett tal-prelegat ta' użufrutt fuq imsemmi;

Kontra din l-eċċezzjoni l-attur wieġeb illi l-fond imsemmi fid-dispożizzjoni mpunjata ma hux l-istess fond li kien ġie prelegat, u l-konvenuti eċċipjenti ma setgħux jinvokaw dak il-prelegat, għaliex dak kien spiċċa meta t-testaturi, wara it-testment, biddlu radikalment il-forma u l-konsistenza tal-fond prelegat u ttrasformawh f'fond divers;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija kwistjoni ta' meritu u ma tistgħax tiġi riżoluta bi preżunzjoni "a priori", għall-finijiet tal-eċċezzjoni in eżami. Il-konvenuti stess, li opponew l-eċċezzjoni, kienu kostretti, biex isostnuha, jittrattaw fit-tul, fin-nota tagħhom fol. 92, il-kwistjoni tal-meritu. Ukoll, fil-kors tal-kawża in prima istanza, instemgħu xhieda u saru provi biex jintwera x'tibdil kien sar fil-fond imsemmi fl-ewwel testment. Din il-Qorti jidhrilha illi l-kwistjoni ta' dan it-tibdil jeħtieġ li tiġi eżaminata f'din il-kawża (fejn jidher "prima facie" illi t-tibdil sar, u sostanzjali, hu x'inhu l-valur tiegħu għall-finijiet tal-meritu), anki jekk dan jeħtieġ isir "per incidens", u mhux direttament biex jiġi pronunzjat dwar il-validità jew le ta' dak il-prelegat, ġa ladarba dak l-eżami hu neċessarju għas-soluzzjoni tal-kwistjoni direttament involuta fil-pretensjoni tal-attur, illi ċjoè il-fond oġġett tad-dispożizzjoni mpunjata hu ħaġa diversa mill fond li kien l-oġġett tal-prelegat;

Jekk soluzzjoni ta' din il-kwistjoni f'sens, "ex hypothesi", favorevoli għall-attur jista' jkollha riperkussjonijiet fuq il-kaduċità tal-imsemmi prelegat, u, meħud rigward ta' min huma l-partijiet fil-kawża, ċjoè l-eredi kollha u l-prelegatarji, ma jidherx li dan jista' jiġi evitat, din il-Qorti jidhrilha li ma jistgħax jiġi negat illi l-attur użufruttwarju ta' martu għandu "locus standi" u nteress biex jagħmel il-kawża. U fil-fehma tal-Qorti, dan l-interess hu leġittimu (assumendo l-pożizzjoni kif jaffermaha l-attur) u attwali, anki jekk id-drittijiet tiegħu bħala użufruttwarju ta' martu rigward il-fond huma talvolta eventwali;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' nteress fl-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-eċċi-

pjenti aħwa Zammit Tabona; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.